Assoċjazzjoni
Kunsilli Lokali

# Minuti

**Data:** It-Tlieta, 21 ta' Mejju 2119

**Post:** Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali

**Ħin:** 17:30

**Preżenti**:

Is-Sur Mario Fava – President
Dr. Samuel Azzopardi – Viċi President
Chev Paul Farrugia – Viċi President
Is-Sur Michael Fenech Adami – Membru
Is-Sur Joseph Cordina – Membru
Is-Sur Jesmond Aquilina – Membru
Is-Sur Mark Grech – Membru
Is-Sinjura Graziella Galea – Membru

**Skużat:**
Is-Sur. Anthony Mifsud – Membru

**Uffiċjal Preżenti:**

Snr. Lianne Mifsud – Segretarju Eżekuttiv

## 21.1 Preżentazzjoni u Approvazzjoni tal-ittri tal-Apoloġija

21.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv preżenta l-ittri ta' apoloġija mibgħutha minn mis-Sur Anthony Mifsud.

21.1.2 Fuq proposta tal-President issekondata minn Chev. Paul Farrugia, l-Eżekuttiv aċċetta l-apoloġiji preżentati.

21.1.3 Il-President talab li jissospendi l-Aġenda biex tiġi approvata l-Management Reply.

21.1.4 Fuq proposta tal-President, l-Eżekuttiv approva l-propsta tal-President.

## 21.2 Preżentazzjoni u approvazzjoni tal-Management Reply għas-Sena Finanzjarja 2018

21.2.1 Is-Segretarja preżentat il-Management Letter lill-Eżekuttiv hekk kif mibugħtha mill-kumpanija MAZARS.

21.2.2 Il-President semma li saru xi rimarki mill-awdituri li l-Assoċjazzjoni kkontestat għax kienu jidhru li kienu kummenti vagi u oħra li l-informazzjoni kienet disponibbli imma ma ntalbietx waqt li kien qed isir l-uditjar. Il-President semma li dawn tneħħew mill-ittra finali li l-Awdituri bgħatu lill-Assoċjazjoni

21.2.3 Is-Segretarja preżentat ukoll ir-risposta għall-istess Management Letter.

21.2.4 Fuq proposta tal-President, issekondata minn Chev. Paul Farrugia u s-Sur Michael Fenech Adami, l-Eżekuttiv approva l-ittra hekk kif preżentata.

## 21.3 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu. 20

21.3.1 Il-President talab għall-approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu. 20.

21.3.2 Fuq proposta tal-President issekondata minn Chev. Paul Farrugia, l-Eżekuttiv approva l-minuti tal-Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu.20.

## 21.4 Punti li joħorġu mill-minuti

| | |
|---|---|
| **21.4.1 Sejħa għas-servizzi ta' poloz tal-Assigurazzjoni għall- Assoċjazzjoni u l-Kunsilli Lokali** | Il-President semma li l-Board tal-Evalwazzjoni għandu jerġa' jiltaqa' f' Ġunju biex jerġa' jagħmel l-Evalwazzjoni tal-offerti. |
| **21.4.2 Eyetech** | Il-President semma li reġa' ntbgħat l-istatement min-naħa tal-kumpanija Eyetech u wara li dan reġa' ġie rrifjutat mill-Assoċjazzjoni, rappreżentant tal-kumpanija għamel kuntatt mal-Assoċjazzjoni biex issir laqgħa f' Ġunju. Dan wara l-istess rappreżentant ma kienx attenda għal-laqgħa li kienet skedata bejn il-partijiet fix-xhur li għaddew u għaldaqstant l-laqgħa kellha tiġi kkanċellata. |
| **21.4.3 Sejħa għall-offerti fuq servizz ta' Traffic Management System li titratta l-Ħruġ ta' Permessi** | Il-President semma li kien hemm laqgħa introduttorja minn rappreżentanti tal-kumpanija li tefgħu s-sejħa. Il-Laqgħat u l-proċess ta' implimentazzjoni għandu jiskatta fi żmien ftit ġimgħat oħra, lejn il-bidu ta' Ġunju.<br>Il-President semma li għandu jkun hemm ta' l-inqas ħames amministraturi kif ukoll System Administrator biex is-servizz ikun wieħed tajjeb. |
| **21.4.4 Video Clip** | Il-President semma li l-filmat kien lest. Il-ħsieb huwa li l-clip jiġi mnidi waqt l-ewwel Laqgħa Plenarja li ssir wara l-Elezzjoni. |
| **21.4.5 Skema tal-Passaport tal-Kbar – Heritage Malta** | Il-President semma li l-iskema ġiet imnedija u l-Kunsilli kollha kkonfermaw il-parteċipazzjoni tagħhom. Semma wkoll li kemm l-Assoċjazzjoni kif ukoll Heritage Malta qegħdin min-ħin għall-ieħor jassistu lill-Kunsilli Lokali bid-diffikultajiet li jista' jkollhom. |

**21.4.6 Ħruġ ta' Kuntratti Reġjonali tal-Ġbir tal-Iskart – Konsultazzjoni mis-Sindki**

Il-President reġa' fakkar lill-President Reġjonali biex jiġbru l-informazzjoni mitluba mingħand is-Sindki ta' kull Reġjun rispettiv.
Is-Sur Michael Fenech Adami propona li għandha issir laqgħa ma' kull Reġjun individwali biex tiġi spjegata is-sistema lis-Sindki rispettivi. Idejalment dawn il-laqgħat issir immedjatament wara li l-Kunsilli Lokali eltti ġodda jidħlu fis-seħħ.
Il-President semma li s-sejħa għall-offerti għall-ġbir ta' skart ser toħroġ kmieni, lejn l-aħħar tas-sena 2019, sabiex il-kuntratturi jilħqu jagħmlu l-arranġamenti neċessarji u l-investiment li jkun meħtieġ.

21.4.7 Dr. Samuel Azzopardi daħħal għal-laqgħa fis-18:05.

**21.4.8 Komunikazzjoni mill-President lill-Gvern Ċentrali**

Is-Sur Michael Fenech Adami rringrazzja lill-President li kien preżenti u għamel l-intervet tiegħu waqt il-Laqgħa Annwali tar-Reġjun Ċentru.
Il-President semma li meta jkun hemm attivita' rganizzata mill-Gvern Ċentrali, il-Kunsill Lokali għandu jkun mistieden kif ukoll kull Membru tal-Kunsill għandu jingħata ċ-ċans li jkun preżenti. Is-Sur Michael Fenech Adami semma li kuljum ikun hemm attivitajiet fil-lokalita' ta' Birkirkara u l-Kunsilliera mhux kollha qed jiġu mistiedna. Il-President semma li trid issir distinzjoni bejn attivita' uffiċjali tal-Gvern Ċentrali u attivita' tal-Partit.

**21.4.9 L-onorarja tal-President Reġjonali**

Is-Sur Jesmond Aquilina, staqsa jekk kinitx intbgħatet ċirkulari li tindika kemm ser tkun l-onorarja tal-President Reġjonali. Is-Sur Fava semma li l-onorarja tal-Presidenti Reġjonali ser tkun qed tiżdied mill-1 ta' Lulju 2019.

Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali

**21.4.10 Kuntratt tal-Binja tal-Uffiċini tal-Assoċjazzjoni**

Il-President semma li l-Assoċjazzjoni għamlet it-talba tagħha lil MIP biex il-kirja tal-Binja tkun aktar fit-tul, kif ukoll li jiġi nkluż l-parkeġġ ma' l-istess renta. Il-President semma li għaddew ħames snin u skattaw l-aħħar ħames snin li l-Assoċjazzjoni ser tkun qed tikkri l-binja taħt klawola tal-kuntratt oriġinali li kien ifformulat fl-2014. Il-President semma wkoll li saru laqgħat biex kien hemm estensjoni fuq iż-żmien li l-Assoċjazzjoni tista' tokkupa l-binja. Il-President semma li jista' jkun li wasal għal-ftehim li l-binja tkun mikrija lill-Assoċjazzjoni għall-ammont ta' snin oħra wara li jgħaddi l-aħħar perjodu ta' kirja fl-2024.

21.4.11 Is-Sa. Graziella Galea u s-Sur Joseph Cordina talbu li jkunu skużati fis- 18:20

**21.4.12 Rinovazzjoni tal-Parkeġġ u l-Entratutra tal-Binja tal-Assoċjazzjoni**

Il-President semma li l-Assoċjazzjoni qed tistenna stima mingħand il-Perit fuq il-pjanta proposta. L-Assoċjazzjoni qed tiġbor ukoll stima fuq sistemi tal-irrigazzjoni u pjanti li jistgħu jiġu miżrugħa. Kif jaslu l-istimi, is-Segretarja tieħu ħsieb tipproċedi bl-applikazzjoni għall-Fondi għall-Sistemi ta' Irrigazzjoni. L-Eżekuttiv approva li ssir applikazzjoni għall-fondi għas-sistemi ta' Irrigazzjoni.

**21.4.13 Fondi LESA Attivitajiet Kulturali**

Il-President semma li l-LESA kienet għaddiet għand l-AKL il-fondi kollha dovuti lill-Kunsilli Lokali u Kumitati Reġjonali għas-sena 2017. Fil-ġimgħat li ġejjin l-Assoċjazzjoni ser tkun qed tikkomunika mal-Kunsill/ Reġjun rispettiv kemm bl-ammont dovut kif ukoll bil-linji gwida u r-regolamenti l-ġodda. Semma wkoll li ser ikun hemm l-faċilita' li Reġjun/Kunsill jagħmel talba għal pre-financing. Il-President semma li dan kollu ser jiġi kkomunikat mal-Presidenti Reġjonali, Sindki u Segretarji Eżekuttivi waqt laqgħa li ser tiġi organizzata mill-Assoċjazzjoni.

**21.4.14 EU Consultant**

Il-President semma li saret laqgħa mal-Konsulent, u kien hemm konferma min-naħa tiegħu li dan ser jibqa' huwa

personali jassisti lid-Delegazzjoni Maltija fil-Kumitat tar-Reġjuni ġewwa Brussel.

**21.5 Preżentazzjoni u Approvazzjoni tal-Kwotazzjonijiet miġbura għas-servizz ta' tindif tal-Binja tal-Assoċjazzjoni**

21.5.1 Il-President semma li l-kuntratt tas-servizz ta' tindif kien ser jagħlaq f' Lulju li ġej u għaldaqstant l-Assoċjazzjoni ġabret il-kwotazzjonijiet

21.5.2 Il-President propona li l-Assoċjazzjoni tmur għall-orħos offerta.

21.5.3 Fuq proposta tal-President, issekondata minn Chev. Paul farrugia, l-Eżekuttiv approva l-kwotazzjoni.

21.5.4 Is-Segretarja ser tkun qed tibgħat għall-kuntrattur fil-ġimgħat li ġejjin sabiex tikkomunika miegħu dak li ġie approvat.

**21.6 Kommunikazzjoni mill-President**

| | |
|---|---|
| **21.6.1 Ħtieġa biex jintraġġa l-ħajt tal-appoġġ ta' bejn l-AKL u l-Binja ta ' biswit** | Il-president semma li minħabba li kien qed isir rinovar fil-kumpanija biswit l-binja tal-Assoċjazzjoni fejn kien qed jinqala' is-saqaf kollu tal-Asbetsos. Jidher li ser ikun hemm bżonn li jitkaħħal u jitbajjad il-ħajt tal-appoġġ. Il-President propona li dan għandu jsir biex nevitaw ħsarat fil-każ li jidħol xi ilma tax-xita. Il-President semma li ser ikun qed jinnegozja mal-kumpanija sabiex l-ispejjeż jiġu maqsumha bejn iż-żewġ entitajiet. |
| **21.6.2 Permess mill-ERA għal żbir ta' siġar** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni ġabet il-permess mill-ERA biex isir żbir tas-siġar li hemm fuq il-bankina, li jdawwru l-binja. |
| **21.6.3 Tribunal Industrijali - Kawża Isabella Testaferrata De Noto vs AKL** | Il-President semma li kien għad fadal siegħa biss għad-dispożizzjoni tal-Assoċjazzjoni biex jittellgħu xi dokumenti. Is-smiegħ kien skedat għal nhar is-16 ta' Mejju, imma ntalab diferiment mill-Assoċjazzjoni peress li l-President kellu jsiefer fuq xogħol. Is-smiegħ ġie diferit għas-6 ta' Ġunju 2019. |

| | |
|---|---|
| **21.6.4 Kontijiet bankarji – APS** | Il-president semma li peress li l-Assoċjazzjoni ser tkun qed tieħu ħsieb il-fondi tal-LESA tal-Kunsilli kollha, ser tiftaħ kont bankarju għal kull Kunsill Lokali biex il-bilanċ ta' kull Kunsill ikun segregat. Il-President sema li kienet ser tintbgħat Reżoluzzjoni lill-Bank biex anki jiddepożita l-ammonti f' kull kont hekk kif dovuti lil kull Kunsill u Reġjun. |
| **21.6.5 Mental Health Awareness** | Il-President semma li bħala inizjattiva għax-xahar ta' Mejju li fih titqajjem kuxjenza rigward is-saħħa mentali, l-Assoċjazzjoni ikkomunikat ma' Richmond Foundation bil-għan li inħejju programm ta' Mental First Aid li jiġi offrut bi prezz issusidjat mill-Assoċjazzjoni għall-ħaddiema tal-Kunsilli Lokali. |
| **21.6.6 Laqgħa Plenarja** | Il-President semma li idealment jibdew il-preparamenti għall-laqgħa Plenarja li jmiss. Il-President propona li l-Laqgħa ssir lejn l-aħħar t' Ottubru. |
| **21.6.7 Kors għall-Kunsilliera f' Settembru** | Il-President semma li hekk kif kien diġa ġie kkomunikat, l-Assoċjazzjoni flimkien mad-Diviżjoni u mal-NAO ser tkun qed torganizza seminar lill-Kunsilliera kollha fuq il-finanzjament tal-Kunsilli Lokali. Is-seminar ser jittella' minn awdituri barranin. Is-seminar ser isir nhar l-14 ta' Settembru 2019. |
| **21.6.8 FAR** | Il-President semma li kellu jintrema siġġu li huwa nnumerat fl-FAR b' numru 20. |

**21.7 Affarjiet oħra**

21.7.1 il-President semma li fil-jiem li għaddew kellu laqgħa mal-LESA flimkien mal-Awditur imqabbad mill-istess Aġenzija. Il-President semma li l-Aġenzija ser tkun qed tonora l-ftehim u jibda jingħata l-ħlas lir-Reġjuni. Il-President semma li mill-1 ta' Lulju 2019, l-Aġenzija LESA mhux ser tkun responsabbli li tkopri spejjeż li jsiru mir-Reġjun biex tinħareġ l-Onorarja tal-

President u s-salarju tas-Segretarju Eżekuttiv. Il-President semma li dan minħabba li r-Reġjuni anki ser ikollhom l-allokazzjoni finanzjarja diretta.

21.7.2 Il-President semma li ser isir Awditjar mill-Aġenzija fuq diversi punti li sotomessti mir-Reġjuni.

21.7.2 Is-Sur Michael Fenech Adami semma li d-Diviżjoni għandha toħroġ linji gwida fuq xiex tista' tintnefaq l-allokazzjoni mogħtija lir-Reġjuni.

21.7.3 Il-President semma li wara l-Elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali li kienu ser isiru fi tmiem il-ġimgħa, il-ħidma tal-Assoċjazzjoni ser tkun waħda impenjattiva biex dejjem tassigura li kull Membru Elett kif ukoll l-amministrattiv jonoraw tajjeb ir-responsabbilitajiet tagħhom. Il-President semma li ser ikun qed jitlob ukoll laqgħa mal-ANSEK.

21.7.3 Is-Sur Jesmond Aquilina talab li jkun skużat fis-18:48

## 21.8 Approvazzjoni Skeda tal-Pagamenti Nu. 21

21.8.1 Fuq proposta tal-President li ġiet issekondata mis-Sur Michael Fenech Adami u Chev. Paul Farrugia ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn 25 t' April 2019 u 21 ta' Mejju 2019 li kienet tammonta għall-€78,645.74.

## 21.9 Aġġornament

21.9.1 Il-Laqgħa aġġornat fis-sebgħa ta' filgħaxija. L-Eżekuttiv qabel li għandu jerġa' jiltaqa' nhar it-Tnejn, 17 ta' Ġunju 2019 fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija.

**Lianne Mifsud**

**Segretarju Eżekuttiv**

Dawn il-minuti ġew approvati fil-Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu.22 li nżammet nhar il-Ħamis, 21 ta' Ġunju 2019.

**Mario Fava**

**President**